



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

8265/22

LIMITE

CORLX 370
CFSP/PESC 513
COEST 319
FIN 450

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet
li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali,
is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK¹.
- (2) L-Unjoni tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali tal-Ukraina.
- (3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jinżiedu żewġ individwi mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għar-rwol tagħhom fl-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina u talli jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew id-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"209.	Oleksandr Viktorovich YANUKOVYCH (Олександр Вікторович ЯНУКОВИЧ)	Ġeneru: Maskil Data tat-twelid: 10.7.1973 Post tat-twelid: Yenakiyev, Donetsk Oblast (former Ukrainian SSR, now Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena	Oleksandr Yanukovych huwa negozjant u iben l-eks President tal-Ukraina Viktor Yanukovych. Matul il-presidenza ta' Viktor Yanukovych u grazzi għall-konnessjoni personali ma' grupp ta' persuni qrib missieru, ġabar firxa wiesgħa ta' interessi tan-negozju u akkumula fortuna kbira. Għadu jmexxi l-attivitajiet tan-negozju tiegħu fir-reġjun ta' Donbas ikkontrollat mill-gruppi separatisti, speċjalment fis-setturi tal-enerġija, il-faħam, il-kostruzzjoni, il-banek u l-proprjetà immobbli. B'mod partikolari, bis-saħħa ta' rabtiet mill-qrib mas-separatisti favur ir-Russja, huwa akkwista assi ekonomiċi ewlenin fl-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu ta' Donetsk u ta' Lugansk", fost oħrajn fis-setturi tal-enerġija, tal-faħam u tal-proprjetà immobbli. Il-battaljun separatista OPLOT (elenkat sa minn Frar 2015) iproteġa l-proġetti ta' żvilupp tal-proprjetà immobbli tiegħu fl-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Għalhekk, Oleksandr Yanukovich huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukraina.</p> <p>Barra minn hekk, hu assoċjat ma' missieru Viktor Yanukovich, li hu responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-istat.</p>	

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
210.	Viktor Fedorovich YANUKOVYCH (Віктор Федорович ЯНУКОВИЧ)	Ġeneru: maskil; Data tat-twelid: 9.7.1950 Post tat-twelid: Yenakiyev, Donetsk Oblast (former Ukrainian SSR, now Ukraine) Nazzjonalità: Ukrena Funzjoni: eks president tal-Ukraina, oligark	Mill-2010 sal-2014, Viktor Yanukovich kien il-President tal-Ukraina. Huwa ħaddan politika favur ir-Russja meta kien fil-kariga. Qorti Ukrena sabet lil Viktor Yanukovich ħati ta' tradiment talli stieden lill-Federazzjoni Russa biex tinvasi lill-Ukraina. Wara li tneħħa mill-poter, huwa mar jgħix fir-Russja, fejn kompli bl-attivitajiet tiegħu mmirati biex jiddestabilizzaw lill-Ukraina. Huwa għen fl-interferenza militari Russa fl-Ukraina billi appella lill-President tal-Federazzjoni Russa biex jibgħat truppi Russi lejn l-Ukraina f'Marzu 2014. Viktor Yanukovich appoġġa politiċi favur ir-Russja li kellhom karigi pubbliċi fil-Krimea okkupata. Fl-2021, fl-Ukraina inftehet investigazzjoni ġdida ta' qabel il-kawża li skontha s-Sur Viktor Yanukovich, flimkien ma' żewġ ex-Ministri tad-Difiża, naqqas intenzjonalment il-kapaċità ta' difiża tal-Ukraina, b'mod partikolari fir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea. Iqis ruħu l-President leġittimu tal-Ukraina u ppreżenta b'mod konsistenti pożizzjoni favur ir-Russja fl-interventi pubbliċi tiegħu. Skont sorsi differenti, is-Sur Viktor Yanukovich kien parti minn operazzjoni speċjali Russa, li kellha l-għan li tissostitwixxi lill-President Ukren bih, matul l-ewwel fażijiet tal-aggressjoni militari illegali u mhux provokata kontra l-Ukraina. Barra minn hekk, il-President tar-Repubblika taċ-Ċeċenja Ramzan Kadyrov, talab lill-President tal-Ukraina biex jittrasferixxi l-poteri kollha tiegħu lil Viktor Yanukovich.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Viktor Yanukovich huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-istat.	